IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2014
COM(2014) 650 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 7
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014

DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL

DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsima III – Il-Kummissjoni

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 7
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014

DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL

DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsima III – Il-Kummissjoni

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 adottat fl-20 ta' Novembru 2013[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2014[4], adottat fis-16 ta' April 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2014[5], adottat fil-15 ta' April 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014[6], adottat fit-28 ta' Mejju 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2014[7], adottat fid-9 ta' Lulju 2014, kif emendat fis-16 ta' Ottubru 2014[8],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2014[9], adottat fit-8 ta' Settembru 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2014[10], adottat fis-17 ta' Ottubru 2014,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7 għall-baġit tal-2014.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fuq il-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm. Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet għal din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
3 ĠU L 51, 20.2.2014, p. 1.
4 ĠU L 204, 11.07.2014, p.1.
5 COM(2014) 234, 15.4.2014.
6 COM(2014) 329, 28.5.2014.
7 COM(2014) 461, 09.07.2014.
8 COM(2014) 641, 16.10.2014.
9 COM(2014) 564, 08.09.2014.
10 COM(2014) 649, 17.10.2014

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3

2. MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE 3

2.1 IS-SERBJA – GĦARGĦAR 3
2.2 IL-KROAZJA – GĦARGĦAR 4
2.3 IL-BULGARIJA – GĦARGĦAR 5

3. FINANZJAMENT 7

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 8

1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 7 għas-sena 2014 ikopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont ta' EUR 79 726 440 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. Il-mobilizzazzjoni hija marbuta ma' għargħar fis-Serbja u l-Kroazja f'Mejju 2014 u ma' għargħar fil-Bulgarija f'Ġunju 2014.

2. MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

Matul ix-xahar ta' Mejju 2014, maltemp kbir laqat partijiet kbar tar-Repubblika tas-Serbja u fi grad inqas lill-Kroazja, li wassal għal għargħar li kien fost l-aktar qalil fl-istorja riċenti, li kkawża l-qerda massiva ta' infrastruttura pubblika u privata, kif ukoll li għamel ħsara lil mijiet ta' eluf ta' familji. Xahar wara, xita qawwija u qalila li qabżet in-normi klimatiċi tax-xahar b'erba' darbiet affettwat partijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija biex wasslet għal għargħar u tfixkil serju.

Il-Kummissjoni wettqet analiżi bir-reqqa ta' dawn it-tliet talbiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[11] kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament"), u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu.

L-iktar elementi importanti tal-valutazzjonijiet jinsabu fil-qosor hawn taħt.

2.1 Is-Serbja – Għargħar

(1) Partijiet kbar tas-Serbja kienu affettwati minn kundizzjonijiet tat-temp severi matul Mejju 2014, li wasslu għal għargħar li kien fost l-agħar fl-istorja riċenti li kkawża qerda massiva tal-infrastruttura pubblika u privata, kif ukoll li għamel ħsara lil mijiet ta' eluf ta' familji.

(2) L-applikazzjoni mis-Serbja, Stat eliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu (2)1 tar-Regolament, waslet fit-30 ta' Lulju 2014, jiġifieri fi żmien il-perjodu stipulat ta' 12-il ġimgħa wara li kienet irreġistrata l-ewwel ħsara fl-14 ta' Mejju 2014. Informazzjoni aġġornata kienet provduta fit-18 ta' Awwissu 2014.

(3) L-għargħar huwa ta' oriġini naturali u għalhekk jaqa' fil-qasam ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

(4) L-awtoritajiet Serbi stmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hi ta' EUR 1,1 biljun. Dan huwa bbażat fuq ir-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' Rkupru mwettqa bil-parteċipazzjoni tal-UE u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali immedjatament wara li seħħ id-diżastru. Dan l-ammont jirrappreżenta 3,8 % tal-ING tas-Serbja u jaqbeż il-livell limitu biex jiġi mmobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 174,7 miljun applikabbli għas-Serbja fl-2014 (jiġifieri 0,6 % tal-ING fuq il-bażi tad-dejta tal-2012). Peress li l-ħsara diretta totali stmata taqbeż il-livell limitu, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri", skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament. L-għajnuna finanzjarja tista' tintuża biss għal ħidmiet ta' emerġenza u ta' rkupru essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

(5) Fir-rigward tal-impatt u l-konsegwenzi tad-diżastru, l-awtoritajiet Serbi jirrapportaw għargħar katastrofiku mifrux akkumpanjat minn turrenti, erożjoni u uqigħ tal-art, prinċipalment fuq ix-xmajjar Sava, Kolubara, it-Tamnava, Jadar, Zapadna Morava, Velika Morava, Mlava u Pek inklużi t-tributarji tagħhom. L-aktar li laqat ħażin l-għargħar kienu d-distretti ta' Kolubara, Mačva, Moravicki, Pomoravlje, u parti minn Belgrad. Il-muniċipalitajiet affettwati għandhom popolazzjoni ta' madwar 1,6 miljun ruħ, li minnhom 180 000 kienu jeħtieġu għajnuna. Kien hemm 60 vittma. Kważi 32 000 persuna kienu salvati miż-żoni affettwati mis-servizzi tal-

[11] ĠU L 311, 14.11.2002, p.3.
[12] ĠU L 189, 27.06.2014, p.143.

emerġenza, madwar 5 000 minnhom kellhom jitpoġġew f'akkomodazzjoni temporanja. Ġiet meqruda 485 residenza, madwar 16 200 appartament u residenza ġarrbu ħsara. Il-minjieri miftuħa ta' Tamnava tal-Punent, Veliki Crljeni, kif ukoll partijiet tal-baċin tal-faħam ta' Kolubara ġew mgħarrqa. Dawn il-minjieri tal-faħam qed jipproduċu l-faħam għall-impjant tal-enerġija ewlieni "Nikola Tesla A" f'Obrenovac li jiġġenera madwar 63 % tal-elettriku għall-pajjiż kollu. Fil-maġġoranza tal-muniċipalitajiet affettwati l-provvista tal-ilma ġiet interrotta għal mhux aktar minn għaxart (10) ijiem u tibqa' parzjalment imniġġsa. Barra minn hekk, l-għargħar laqat faċilitajiet tas-saħħa, skejjel, u netwerks tat-triq u ferrovjarji u kkaġuna ħsara serja għall-ambjent. L-għargħar huwa stmat li kkawża ħsara ekwivalenti għal 2,7 % tal-PDG u sa 2 % tal-PDG f'telf ekonomiku fl-2014 biss. Is-setturi ekonomiċi l-aktar milquta huma l-enerġija, l-estrazzjoni u l-agrikoltura iżda kienet ikkawżata wkoll ħsara sinifikanti fuq l-infrastruttura tat-trasport (toroq, pontijiet u linji ferrovjarji), kif ukoll fuq għadd ta' faċilitajiet għall-protezzjoni tal-għargħar u tal-kosta.

(6) Minbarra l-mobilizzazzjoni tal-forzi nazzjonali kollha disponibbli, kienet mitluba assistenza umanitarja u dik tal-protezzjoni ċivili internazzjonali b'mod bilaterali u multilaterali. Fuq in-naħa tal-UE, l-assistenza kienet provduta mill-Ġermanja, is-Slovenja, il-Bulgarija, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, id-Danimarka, ir-Rumanija, Spanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Polonja kkoordinata permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili. Timijiet internazzjonali għal operazzjonijiet ta' salvataġġ mill-għargħar kif ukoll ippumpjar ta' kapaċità għolja ġew mobilizzati. Il-Kummissjoni Ewropea wkoll allokat ammont ta' EUR 3 miljun għal għajnuna umanitarja kemm fil-Bosnja-Ħerzegovina kif ukoll fis-Serbja, biex tindirizza l-bżonnijiet immedjati ta' dawk l-aktar vulnerabbli li ġew affettwati mid-diżastru, filwaqt li pprovdiet oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, flus kontanti u kupuni, pajpijiet u tagħmir sanitarju.

(7) L-ispiża għal operazzjonijiet ta' emerġenza essenzjali eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, ġiet stmata mill-awtoritajiet Serbi li tammonta għal EUR 381,9 miljun u ġiet ippreżentata skont it-tipi ta' operazzjonijiet. L-akbar sehem tal-kost tal-operazzjonijiet ta' emerġenza (aktar minn EUR 202 miljun) jikkonċerna operazzjonijiet ta' rkupru fil-qasam tal-enerġija. It-tieni l-akbar sehem tal-kost jikkonċerna s-settur tat-trasport li jammonta għal EUR 106 miljun.

(8) Diġà ġew allokati mill-ġdid EUR 30 miljun taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) sabiex jappoġġaw l-isforzi ta' rkupru fuq żmien qasir. EUR 50 miljun addizzjonali se jkunu allokati sa tmiem is-sena biex jappoġġaw aktar l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-għargħar. Fondi taħt il-komponent ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-IPA se jintużaw biex jappoġġaw żoni tal-fruntiera bejn is-Serbja u l-Bosnja-Ħerzegovina għal ammont totali ta' EUR 4 miljun. Barra minn hekk, il-Konferenza tad-Donaturi Internazzjonali, li saret fi Brussell fis-16 ta' Lulju, irriżultat f'wegħdiet mill-Istati, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-settur privat li jammontaw għal aktar minn EUR 986 miljun għas-Serbja, li minnhom EUR 106,8 miljun bħala għotjiet, il-bqija bħala self. Barra minn hekk, iktar minn EUR 41 miljun ġie mwiegħed għal attivitajiet transfruntieri.

(9) L-awtoritajiet Serbi ma indikaw l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni tal-kost eliġibbli.

2.2 Il-Kroazja – Għargħar

(1) Il-parti tal-Lvant tal-Kroazja ntlaqtet mill-istess kundizzjonijiet tat-temp li affettwaw is-Serbja, li kkawżaw ħsara serja, għalkemm fi grad inqas.

(2) L-applikazzjoni mill-Kroazja waslet fil-31 ta' Lulju 2014, jiġifieri fi żmien il-perjodu stipulat ta' 12-il ġimgħa wara li kienu rreġistrati l-ewwel ħsarat fis-17 ta' Mejju 2014.

(3) L-għargħar huwa ta' oriġini naturali u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

(4) L-awtoritajiet Kroati stmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hi ta' EUR 297,6 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,7 % tal-ING tal-Kroazja u jaqbeż il-livell

limitu biex jiġi mmobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 254,2 miljun applikabbli għall-Kroazja fl-2014 (jiġifieri 0,6 % tal-ING fuq il-bażi tad-dejta tal-2012). Peress li l-ħsara diretta totali stmata taqbeż il-livell limitu, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri", skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament. L-għajnuna finanzjarja tista' tintuża biss għal ħidmiet ta' emerġenza u ta' rkupru essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

(5) Fir-rigward tal-impatt u l-konsegwenzi tad-diżastru, l-awtoritajiet Kroati jirrappurtaw li l-għargħar laqat ħames kontej fil-baċir tax-xmara Sava li jinsabu fil-Lvant tal-pajjiż: Osijek-Baranja, Vukovar-Srijem, Brod-Posavina, Požega-Slavonija u Sisak-Moslavina. Il-livelli tal-ilma parzjalment qabeż l-ogħla li qatt ġie rreġistrat, u kkwalifika bħala għargħar ta' darba f'elf sena. L-għargħar ikkawża ħsara konsiderevoli fuq faċilitajiet residenzjali, kummerċjali, komunali u infrastrutturali, kif ukoll fuq għelejjel agrikoli u bhejjem. Aktar minn 26 000 persuna kellhom jiġu evakwati. In-netwerks tal-enerġija waqfu, it-toroq u l-pontijiet ġarrbu ħsarat serji u/jew ġew midfuna f'uqigħ tal-art jew tajn li tkaxkar. Madwar 2 700 binja residenzjali u aktar minn 4 000 binja tal-biedja sfaw mgħarrqa, li ħafna minnhom sofrew ħsara strutturali.

(6) L-ispiża għal operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru essenzjali eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, ġiet stmata mill-awtoritajiet Kroati li tammonta għal EUR 108,8 miljun u ġiet ippreżentata skont it-tipi ta' operazzjonijiet. L-akbar sehem tal-kost tal-operazzjonijiet ta' emerġenza (aktar minn EUR 38 miljun) jikkonċerna t-tiswija tal-infrastruttura tat-trasport. It-tieni l-akbar sehem tal-kost jikkonċerna s-servizzi ta' salvataġġ li jammonta għal EUR 24,7 miljun.

(7) Ir-reġjuni milquta jaqgħu taħt il-kategorija ta' "reġjuni inqas żviluppati" taħt il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (2014-2020). L-awtoritajiet Kroati ma indikawx lill-Kummissjoni l-ħsieb tagħhom li jallokaw mill-ġdid il-fondi mill-programm ta' Fondi tal-ESI għall-Kroazja għal miżuri ta' rkupru. Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat biex jassisti b'insettiċidi għal bexx tan-nemus.

(8) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastru u l-immaniġġjar relatata man-natura tad-diżastru l-Kroazja qiegħda fil-proċess li timplimenta d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (id-"Direttiva dwar l-Għargħar")[13]. Twettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-għargħar preliminari. Mapep tal-periklu tal-għargħar u mapep tar-riskju tal-għargħar kienu stabbiliti għal żewġ żoni pilota u jinsabu fi progress għal żoni oħra. Il-pjanijiet tal-immaniġġjar tar-riskju tal-għargħar jinsabu fil-fażi preparatorja iżda għadhom ma ġewx stabbiliti.

(9) Fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni l-Kroazja ma kinitx suġġetta għal proċedimenti ta' ksur dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatata man-natura tad-diżastru.

(10) L-awtoritajiet Kroati indikaw li l-ispiża eliġibbli ma hija koperta minn ebda assikurazzjoni.

2.3 Il-Bulgarija – Għargħar

(1) Xahar wara, xi żoni fil-Bulgarija kienu milquta minn xita qawwija u intensa li qabżet in-normi klimatiċi tax-xahar b'erba' darbiet li wasslet għal għargħar u tfixkil serju.

(2) L-applikazzjoni mill-Bulgarija waslet fil-25 ta' Awwissu 2014, jiġifieri fi żmien il-perjodu stipulat ta' 12-il ġimgħa wara li kienu rreġistrati l-ewwel ħsarat fid-19 ta' Ġunju 2014. Fit-12 ta' Settembru 2014 l-awtoritajiet Bulgari ppreżentaw informazzjoni aġġornata.

(3) L-għargħar huwa ta' oriġini naturali u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

[13] ĠU L 288, 6.11.2007, p.27.

(4) L-awtoritajiet Bulgari stmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hi ta' EUR 311,3 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,8 % tal-ING tal-Bulgarija u jaqbeż il-livell limitu biex jiġi mmobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 232,5 miljun applikabbli għall-Bulgarija fl-2014 (jiġifieri 0,6 % tal-ING fuq il-bażi tad-dejta tal-2012). Peress li l-ħsara diretta totali stmata taqbeż il-livell limitu, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri", skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament. L-għajnuna finanzjarja tista' tintuża biss għal ħidmiet ta' emerġenza u ta' rkupru essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

(5) Fir-rigward tal-impatt u l-konsegwenzi tad-diżastru, l-awtoritajiet Bulgari jirrapportaw li mid-19 ta' Ġunju 2014, bħala riżultat ta' maltemp kbir, numru kbir ta' bliet u rħula fil-Bulgarija kienu affettwati b'mod sinifikanti minn għargħar, b'mod partikolari fil-partijiet tal-Lvant, tal-Grigal u taċ-Ċentru tal-pajjiż. Ir-reġjuni ta' Varna, Dobrich, Gabrovo, Veliko Tarnovo, Burgas, Montana, Kyustendil, Plovdiv, Haskovo, Yambol u r-reġjun ta' Sofia ġarrbu l-maġġoranza tal-ħsara. Fil-muniċipalità kostali ta' Asparuhovo (Varna) xita qawwija u marimot qerdu d-djar u l-irziezet, billi għarrqu bini u toroq u qerdu l-karozzi. In-netwerks tal-elettriku u tal-komunikazzjoni madwar ir-reġjun ġew imfixkla. Għargħar f'daqqa, tifqigħ tax-xmajjar u uqigħ tal-art ikkawżaw diżgrazzji u ħsarat severi fir-reġjuni Severen tsentralen u Severoiztochen. Ġew irrappurtati 15-il diżgrazzja , eluf ġew milquta direttament u mijiet kellhom jiġu evakwati u pprovduti b'akkomodazzjoni temporanja. Saret ħsara lill-infrastruttura pubblika u lill-faċilitajiet fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u r-riżorsi tal-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-servizzi ta' emerġenza, il-wirt kulturali u ż-żoni naturali protetti. Depożiti abbundanti ta' ħamrija u skart imkaxkra, tifwir tad-drenaġġ u skariki ta' ilma mormi iggravaw il-kundizzjonijiet tal-għajxien fiż-żoni affettwati. Bħala riżultat tal-għargħar, ġew attivati proċessi tal-uqigħ tal-art u tal-erożjoni.

(6) L-ispiża għal operazzjonijiet ta' emerġenza u ta' rkupru essenzjali eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, ġiet stmata mill-awtoritajiet Bulgari li tammonta għal EUR 285,4 miljun u ġiet ippreżentata skont it-tipi ta' operazzjonijiet. L-akbar sehem tal-kost tal-operazzjonijiet ta' emerġenza (aktar minn EUR 87 miljun) jikkonċerna l-iżgurar ta' infrastrutturi preventivi. Aktar minn 70 miljun huma stmati meħtieġa għat-tiswija tal-infrastruttura tat-trasport.

(7) Ir-reġjuni milquta jaqgħu taħt il-kategorija ta' "reġjuni inqas żviluppati" taħt il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (2014-2020). L-awtoritajiet Bulgari ma indikawx lill-Kummissjoni l-ħsieb tagħhom li jallokaw mill-ġdid il-fondi mill-programm ta' Fondi tal-ESI għall-Bulgarija għal miżuri ta' rkupru. Ma saret l-ebda talba għall-għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

(8) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskju tad-diżastru u l-immaniġġjar relatat man-natura tad-diżastru l-Bulgarija ttrasponiet id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (id-"Direttiva dwar l-Għargħar") fl-2010 fil-liġi nazzjonali u wettqet valutazzjoni tar-riskju tal-għargħar preliminari għal kull distrett tal-baċin tax-xmara abbażi ta' metodoloġija għal valutazzjoni tal-periklu tal-għargħar u tar-riskju tal-għargħar żviluppata mill-Ministeru tal-Ambjent u l-Ilma.

(9) Fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni l-Bulgarija ma kinitx suġġetta għal proċedimenti ta' ksur dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatata man-natura tad-diżastru.

(10) L-awtoritajiet Bulgari indikaw li ħsara li tammonta għal madwar EUR 2,3 miljun fis-settur tas-saħħa hija koperta minn assigurazzjoni. Dan l-ammont ġie mnaqqas mill-ispiża eliġibbli.

3. FINANZJAMENT

Minħabba li s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-Fond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna mill-Fond għandha tkun progressiva. Dan ifisser li, skont prattika preċedenti, il-parti tal-ħsarat li taqbeż il-livell limitu (jiġifieri 0,6 % tal-ING jew EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-

2002, skont liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) għandha twassal għal intensità ta' għajnuna akbar minn ħsarat li jaslu sal-livell limitu. Ir-rata applikata fil-passat biex jiġu definiti l-allokazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali taħt il-livell limitu u 6 % għall-parti tal-ħsara 'l fuq minn dan. Il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat il-Fond ta' Solidarjetà kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-Fond ta' Solidarjetà u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Qiegħed jiġi propost li jkunu applikati l-istess persentaġġi u li jingħataw l-ammonti ta' għajnuna li ġejjin:

Diżastru	*Ħsarat diretti (miljun EUR)*	*Livell limitu ta' diżastru maġġuri (miljun EUR)*	*Spiża totali ta' operazzjonijiet eliġibbli (miljun EUR)*	*2,5 % ta' ħsara diretta sal-limitu (f'EUR)*	*6 % ta' ħsara diretta 'l fuq mil-limitu (f'EUR)*	*Limiti massimi applikati*	**Ammont totali tal-għajnuna proposta (f'EUR)**
Is-Serbja	*1 105,622*	*174,649*	*381,967*	*4 366 225*	*55 858 380*	*le*	***60 224 605***
Il-Kroazja	*297,629*	*254,229*	*108,799*	*6 355 725*	*2 604 000*	*le*	***8 959 725***
Il-Bulgarija	*311,328*	*232,502*	*285,440*	*5 812 550*	*4 729 560*	*le*	***10 542 110***
TOTALI							**79 726 440**

Din hija t-tieni proposta għall-mobilizzazzjoni ta' deċiżjoni tal-2014, u l-ammont totali ta' għajnuna propost hawn fuq huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tar-regolament Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jipprevedu ammont totali ta' EUR 530,6 miljun (EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2011).

Bħala konklużjoni, huwa propost li jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà ta' kull wieħed minn dawn il-każijiet u biex jiddaħħlu l-approprjazzjonijiet għall-Kroazja u l-Bulgarija ta' EUR 19 501 835 fil-baġit tal-2014 fuq l-artikolu baġitarju 13 06 01 u l-approprjazzjonijiet korrispondenti ta' EUR 60 224 605 għas-Serbja fuq l-artikolu baġitarju 13 06 02 (dedikat għal pajjiżi ta' adeżjoni), f'approprjazzjonijiet kemm ta' impenn kif ukoll ta' pagament.

Peress li l-Fond ta' Solidarjetà huwa strument speċjali kif definit fir-Regolament QFP, l-approprazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu bbaġittjati barra mil-livelli limitu tal-QFP korrispondenti.

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Bağit 2014 (inkl. BE 1 u ABE 2-6/2014)		Abbozz ta' Bağit Emendatorju Nru 7/2014		Bağit 2014 (inkl. BE 1 u ABE 2-7/2014)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklussiv	**63 986 340 779**	**66 374 487 058**			**63 986 340 779**	**66 374 487 058**
Livell limitu	*63 973 000 000*				*63 973 000 000*	
Marġini	*75 989 221*				*75 989 221*	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	16 484 010 779	12 028 322 326			16 484 010 779	12 028 322 326
Livell limitu	*16 560 000 000*				*16 560 000 000*	
Marġini	*75 989 221*				*75 989 221*	
1b Koeżjoni ekonomika soċjali u territorjali	47 502 330 000	54 346 164 732			47 502 330 000	54 346 164 732
Livell limitu	*47 413 000 000*				*47 413 000 000*	
Marġini	*-89 330 000*				*-89 330 000*	
Strument ta' Flessibbiltà	*89 330 000*				*89 330 000*	
Marġini	0				*0*	
2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali	**59 190 929 284**	**56 558 779 469**			**59 190 929 284**	**56 558 779 469**
Livell limitu	*59 303 000 000*				*59 303 000 000*	
Marġini	*112 070 716*				*112 070 716*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	43 778 100 000	43 776 956 403			43 778 100 000	43 776 956 403
Sottolimitu	*44 130 000 000*				*44 130 000 000*	
Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR	*351 900 000*				*351 900 000*	
Marġini						
3. Sigurtà u ċittadinanza	**2 171 998 732**	**1 677 039 976**			**2 171 998 732**	**1 677 039 976**
Livell limitu	*2 179 000 000*				*2 179 000 000*	
Marġini	*7 001 268*				*7 001 268*	
4. Ewropa Globali	**8 325 000 000**	**6 842 004 256**			**8 325 000 000**	**6 842 004 256**
Livell limitu	8 335 000 000				8 335 000 000	
Marġini	*10 000 000*				*10 000 000*	
5. Amministrazzjoni	**8 404 610 581**	**8 405 483 381**			**8 404 610 581**	**8 405 483 381**
Livell limitu	*8 721 000 000*				*8 721 000 000*	
Marġini	*316 389 419*				*316 389 419*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	6 797 485 938	6 798 358 738			6 797 485 938	6 798 358 738
Sottolimitu	*7 056 000 000*				*7 056 000 000*	
Marġini	*258 514 062*				*258 514 062*	
6. Kumpens	**28 600 000**	**28 600 000**			**28 600 000**	**28 600 000**
Livell limitu	*29 000 000*				*29 000 000*	
Marġini	*400 000*				*400 000*	
Totali	**142 107 479 376**	**139 886 394 140**			**142 107 479 376**	**139 886 394 140**
Livell limitu	***142 540 000 000***	***135 866 000 000***			***142 540 000 000***	***135 866 000 000***
Strument ta' Flessibbiltà	***89 330 000***				***89 330 000***	
Marġini ta' Kontinġenza		***4 026 700 000***				***4 026 700 000***
Marġini	***521 850 624***	***6 305 860***			***521 850 624***	***6 305 860***
Strumenti Speċjali	**503 179 528**	**403 149 428**	**79 726 440**	**79 726 440**	**582 905 968**	**482 875 868**
Total Kumplessiv	**142 610 658 904**	**140 289 543 568**	**79 726 440**	**79 726 440**	**142 690 385 344**	**140 369 270 008**